

31966R0122

12.8.1966

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

150/2751

**IR-REGOLAMENT Nru 7/66 EURATOM, 122/66/KEE TAL-KUNSILLI
tat-28 ta' Lulju 1966**

li jistabbilixxi l-lista ta' postijiet li għalihom tista' tingħata allowance tat-trasport, l-ammont massimu ta' dik l-allowance u r-regoli biex tingħata

Il-Kunsill tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

Il-Kunsill tal-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA) ⁽¹⁾ dwar ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet ta' l-impieg applikabbli għall-aġenzi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u, partikolarment l-artikolu 14b ta' l-Anness VII għal daww ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikoli 22 u 67 ta' daww il-Kondizzjonijiet ta' l-impieg:

Wara li kkunsidraw il-proposti mill-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u mill-Kummissjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea:

Billi huwa għall-Kunsilli li, waqt li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 65(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, jistabbilixxu l-lista ta' postijiet li għalihom *allowance* għat-trasport tista' titħallas, l-ammont massimu ta' dik l-*allowance* u r-regoli biex tingħata;

Adottaw dan ir-Regolament:

Artikolu 1

Uffiċjal impjegat f'post fejn il-problema tat-trasport hija rikonoxxuta bħala partikolarment diffiċli u akuta minħabba d-distanza bejn postijiet ta' residenza u l-post tax-xogħol jista' jinagħta *allowance* għat-trasport taħt il-kondizzjonijiet elenkati hawn taħt.

Artikolu 2

1. Il-postijiet ta' mpieg li għalihom tista' tinagħta l-*allowance* imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu:

Il-Ġermanja:

Garching
Gundremmingen

Franza:

Fontenay-aux-Roses
Saclay
Cadarache
Chooz
Epoisses

L-Italja:

Centrale de Latina
Centrale de Garigliano
Casaccia

L-Olanda:

Petten
Dodewaard

Ir-Renju Unit:

Winfrith.

2. Minbarra l-postijiet imsemmija fil-paragrafu 1, *allowance* għat-trasport tista' wkoll tinagħta fir-rigward ta' postijiet fejn ma hemmx aktar minn tliet uffiċjali. F'dan il-każ, il-Kummissjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-Kunsilli, u l-lista għandha tkun ikkondisrata bħala approvata jekk fi żmien sitt ġimgħat l-ebda delegazzjoni ma tkun uriet ix-xewqa li tikkontesta l-għoti ta' l-*allowance* għat-trasport fir-rigward ta' daww il-postijiet.

Artikolu 3

Allowances għat-trasport għandhom jinagħtaw biss lill uffiċjali li:

— minħabba l-kondizzjonijiet diffiċli ta' akkomodazzjoni fil-post fejn jaħdmu ma jistgħux jakkwistaw akkomodazzjoni bi ħlas ta' kera fix-xahar' li teskludi, fejn xieraq, is-servizzi tat-tisħin, ta' l-ilma, tal-gass, ta' l-elettriku u tal-manutenzjoni, tammonta għal inqas minn:

18 % għall-uffiċjali sa u inkluż grad B2,
20 % għall-uffiċjali minn grad B1 sa grad A4,
22 % għall-uffiċjali ' fuq minn grad A4,

— ta' l-emolumenti totali kif determinat aktar l-isfel, u li jħallsu kera ta' aktar minn 10 % ta' l-emolumenti totali kif determinat aktar l-isfel.

⁽¹⁾ ĠU C 45, ta' l-14.6.1962, p. 1385/62.
ĠU C 47, ta' l-24.3.1965, p. 701/65.

L-emolumenti totali għandhom jikkomrendu s-salarju bażiku flimkien ma' l-*allowance* ta' espatrijazzjoni u *allowance* għal kap tal-familja, bit-tnaqqis tat-tnaqqis obbligatorju msemmi fl-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal u t-taxxa Komunitarja. L-ammont li b'hekk jirriżulta għandu jiġi aġġustat bil-fattur korrettiv applikabli fil-post ta' mpieg ta' l-uffiċjal ikkonċernat.

L-ebda *allowance* ma għandha tingħata f'każi fejn ikun possibbli l-użu ta' mezz ta' trasport flimkien, u lanqas fejn tintuża karozza tas-servizz, u lanqas fejn tingħata *allowance* standardizzata għall-ivvjaġġar lokali.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Lulju 1966.

L-ammont ta' l-*allowance* għat-trasport għandu jkun:

- Bfrs 600 fix-xahar meta id-distanza bejn il-post ta' residenza ta' l-uffiċjal u l-post tax-xogħol tiegħu hija ta' mhux inqas minn 20 kilometru u mhux aktar minn 30 kilometru;
- Bfrs 1 000 fix-xahar fejn id-distanza bejn il-post ta' residenza ta' l-uffiċjal u l-post tax-xogħol tiegħu hija ta' aktar minn 30 kilometru.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1966.

Għall-Kunsilli

Il-President

S. A. POSTHUMUS
